# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tal-21 laqgħa tat-Tieni Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru 2016, fl-4.30 p.m.

| | **Il-Membri** |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Dott. Francesca Zarb |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Lino Camilleri (Assent)<br>Is-Sur Anthony Gatt<br>Is-Sinjura Helen Montebello |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech (Assenta skużata) |
| **L-Uffiċċjal** | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Neil Spiteri |

Għall-wieħed u għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv kienu preżenti ċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb, is-Sinjura Helen Montebello u s-Sur Anthony Gatt. Is-Sur Lino Camilleri kien assenti.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm il-preżenza tal-pubbliku.

### 1. Talba

Il-laqgħa bdiet billi ċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb qalet it-talba.

### 2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 20

Il-minuti tal-laqgħa numru 20 tqassmu ma' l-aġenda u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet biċ-*Chairperson* Dott. Francesca Zarb pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Is-Sinjura Helen Montebello ssekondat u l-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 3. Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrapporta illi rigward Ġieħ Fleur De Lys tat-23 ta' Ġunju 2017 ġab in-*no objection* min-naħa tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech biex l-attivita' ssir fi Ġnien Fleur de Lys. Żvolġiet diskussjoni dwar x'jista' jsir dakinhar bħala organizzazzjoni biex jibdew

jinġabru xi kwotazzjonijiet. Fost oħrajn issemma l-ħsieb illi ssir kompetizzjoni għat-tfal fejn it-tfal jiġu mistiedna jpinġu jew jagħmlu xi *craft* dwar il-Bieb ta' Fleur de Lys.

## 4. Attendenza

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi skont il-liġi, huwa kellu d-dover li jirrapporta lis-Sur Lino Camilleri lill-Ministru għax mhux qed jattendi għall-laqgħat u l-assenza tiegħu mhix ġustifikata. Il-membri tal-kumitat qablu nem. con.

## *5. Matters Arising*

Iċ- *Chairperson* Dott. Francesca Zarb tkellmet dwar il-laqgħa annwali. Kien hemm ftehim illi din ma ssirx din is-sena imma s-sena d-dieħla ħalli jkollna r-rapporti finanzjarji annwali lesti.

Is-Sinjura Helen Montebello tkellmet dwar il-ħtieġa li jsir *traffic management* fi Triq Brigella. Is-Segretarju Eżekuttiv se jiċċekkja fejn wasalna ma' Transport Malta.

## 6. Aġġornament

Il-laqgħa spiccat fil-5.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2016 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dott. Francesca Zarb | Neil Spiteri |
| *Chairperson* | Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv |